



Dokument ta' sessjoni

A9-0035/2024

14.2.2024

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' programmi ta' sħarriġ pluriennali, notifikati dwar il-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina, derogi temporanji mill-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni u mir-rekwiżiti speċjali ta' importazzjoni u l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għoti tagħhom, rekwiżiti temporanji ta' importazzjoni għal pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn ilkoll ta' riskju għoli, l-istabbiliment ta' proċeduri għall-ejenkar ta' pjanti ta' riskju għoli, il-kontenut ta' ċertifikati fitosanitarji, l-użu ta' passaporti tal-pjanti u fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar għal żoni demarkati u sħarriġiet dwar il-pesti (COM(2023)661 – C9-0391/2023 – 2023/0378(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Clara Aguilera

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	26
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	28
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	29
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	30

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' programmi ta' sħarriġ pluriennali, notifikati dwar il-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantana, derogi temporanji mill-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni u mir-rekwiżiti speċjali ta' importazzjoni u l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għoti tagħhom, rekwiżiti temporanji ta' importazzjoni għal pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn ilkoll ta' riskju għoli, l-istabbiliment ta' proċeduri għall-elenkar ta' pjanti ta' riskju għoli, il-kontenut ta' ċertifikati fitosanitarji, l-użu ta' passaporti tal-pjanti u fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar għal żoni demarkati u sħarriġiet dwar il-pesti (COM(2023)661 – C9-0391/2023 – 2023/0378(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)661),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0391/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0035/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv.

Emenda

(1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati ***u jiġu promossi proċeduri armonizzati, standardizzati u diġitalizzati*** sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba u biex ***titnaqqas il-burokrazija filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv u finanzjarju.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Huma meħtieġa ċarezza, trasparenza u koerenza msaħħa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament peress li pjanti b'saħħithom huma vitali għall-produzzjoni agrikola u ortikulturali sostenibbli u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Jenħtieġ li jiġi żgurat finanzjament pubbliku adegwat sabiex jiġu ġestiti b'suċċess it-tifqigħat ta' pesti u mard li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti tal-

għelejjel, kif ukoll sabiex jiġu stimulat i r-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam. Huwa essenzjali li jiġu indirizzati r-rabtiet bejn il-pjanti, l-annimali, l-ekosistemi u s-saħħa pubblika minn perspettiva "Saħħa Waħda". Għalhekk, jenħtieġ li l-ħolqien ta' sħubijiet Ewropej fitosanitarji jkun imhegġegħ skont l-eżempju tas-sħubija Ewropea dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali ffinanzjata mill-Programm Qafas Orizzont Ewropa.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Kif uriet l-esperjenza matul l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031, huwa aktar effettiv, għall-fini ta' koordinazzjoni tal-politika fitosanitarja fil-livell tal-Unjoni, li ż-żoni demarkati jiġu nnotifikati immedjatament wara l-istabbiliment tagħhom. In-notifika immedjata taż-żoni demarkati minn Stat Membru lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni u lill-operaturi professjonali tgħin biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-preżenza u t-tixrid tal-pest ikkonċernat u biex tittieħed deċiżjoni dwar il-miżuri li jmiss. Għalhekk, l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jenħtieġ li jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar iż-żoni demarkati immedjatament wara l-istabbiliment tagħhom, flimkien mal-pesti kkonċernati u l-miżuri rispettivi meħuda. Tali obbligu ma jżid l-ebda piż amministrattiv ġdid, minħabba li n-notifika immedjata taż-żoni demarkati hija obbligu eżistenti stabbilit fl-Anness I, il-punt 7.1, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715¹⁰ u bħalissa hija pprattikata mill-Istati Membri kollha. L-istabbiliment ta' dak l-obbligu fl-

Emenda

(5) Kif uriet l-esperjenza matul l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031, huwa aktar effettiv, għall-fini ta' koordinazzjoni tal-politika fitosanitarja fil-livell tal-Unjoni, li ż-żoni demarkati jiġu nnotifikati immedjatament wara l-istabbiliment tagħhom. In-notifika immedjata taż-żoni demarkati minn Stat Membru lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Kummissjoni u lill-operaturi professjonali tgħin biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-preżenza u t-tixrid tal-pest ikkonċernat u biex tittieħed deċiżjoni dwar il-miżuri li jmiss. Għalhekk, l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jenħtieġ li jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar iż-żoni demarkati immedjatament wara l-istabbiliment tagħhom, flimkien mal-pesti kkonċernati u l-miżuri rispettivi meħuda. **Jenħtieġ li** tali obbligu ma jżid l-ebda piż amministrattiv **jew finanzjarju** ġdid, minħabba li n-notifika immedjata taż-żoni demarkati hija obbligu eżistenti stabbilit fl-Anness I, il-punt 7.1, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715¹⁰ u bħalissa hija pprattikata mill-Istati Membri kollha. L-istabbiliment

Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031 se jkompli jtejjeb iċ-ċarezza dwar ir-regoli applikabbli li jikkonċernaw iż-żoni demarkati, filwaqt li l-obbligu rispettiv fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715 jenħtieġ li jitneħħa biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet rispettivi.

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

ta' dak l-obbligu fl-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031 se jkompli jtejjeb iċ-ċarezza dwar ir-regoli applikabbli li jikkonċernaw iż-żoni demarkati, filwaqt li l-obbligu rispettiv fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715 jenħtieġ li jitneħħa biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet rispettivi.

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

Emenda

(6a) Għal raġunijiet ta' konsistenza mal-emenda tal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031, in-notifiki msemmija fl-Artikolu 19(2) u t-tneħħija taż-żoni demarkati msemmija fl-Artikolu 19(4) jenħtieġ li jsiru wkoll permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103 ta' dak ir-Regolament.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Kif uriet l-esperjenza, f'ċerti okkażjonijiet l-Istati Membri jeħtieġu l-assistenza ta' esperti biex jippermettu

azzjoni rapida kontra tifqigħat ġodda ta' pesti partikolari fit-territorji tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li jinħoloq Tim ta' Emerġenza Fitosanitarja tal-Unjoni ("it-Tim"), bl-għan li jipprovdi lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, assistenza urġenti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 10 sa 19, 27 u 28 tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, u l-miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament. Sabiex it-territorju tal-Unjoni jiġi protett minn tifqigħat possibbli f'pajjiżi terzi li jmissu mat-territorju tal-Unjoni jew li jippreżentaw riskju fitosanitarju imminenti għal dak it-territorju, it-Tim jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll li jipprovdi lill-pajjiżi terzi b'assistenza urġenti, fejn meħtieġ, fir-rigward ta' tifqigħat fit-territorji tagħhom ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tat-Tim, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-ħatra, il-kompożizzjoni u l-finanzjament tiegħu mill-Kummissjoni. Għal raġunijiet ta' koordinazzjoni u effiċjenza aħjar, il-membri tat-Tim jenħtieġ li jinħatru mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri jew mal-pajjiżi terzi kkonċernati, minn esperti proposti mill-Istati Membri, u daww l-esperti jenħtieġ li jkollhom speċjalitajiet differenti relatati mal-qasam fitosanitarju.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) F'konformità mal-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, sat-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, ir-riżultati tal-istħarriġiet li jkunu twettqu fis-sena kalendarja preċedenti dwar il-preżenza ta' ċerti pesti fit-territorju tal-Unjoni. Dawk huma pesti ta' kwarantina tal-Unjoni, pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031, pesti ta' prijorità u pesti ta' kwarantina f'żoni protetti tal-Unjoni, rispettivament. Barra minn hekk, u f'konformità mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, l-Istati Membri, fuq talba, għandhom jinnotifikaw il-programmi ta' sħarriġ pluriennali tagħhom malli dawn jiġu stabbiliti, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn.

Emenda

(7) F'konformità mal-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, sat-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, ir-riżultati tal-istħarriġiet li jkunu twettqu fis-sena kalendarja preċedenti dwar il-preżenza ta' ċerti pesti fit-territorju tal-Unjoni. Dawk huma pesti ta' kwarantina tal-Unjoni, pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031, pesti ta' prijorità u pesti ta' kwarantina f'żoni protetti tal-Unjoni, rispettivament. Barra minn hekk, u f'konformità mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031, l-Istati Membri, fuq talba, jeħtiġilhom jinnotifikaw il-programmi ta' sħarriġ pluriennali tagħhom malli dawn jiġu stabbiliti, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. ***Sabiex jissaħħu r-razzjonalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, jenħtieġ li l-Artikoli kkonċernati jiġu emendati billi jiżdiedu d-dispożizzjonijiet li daww in-notifiki jeħtieġ li jiġu ppreżentati permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103 ta' dak ir-Regolament.***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) F'konformità mal-Artikolu 23(1), it-tielet subparagrafu, il-programmi ta' sħarriġ pluriennali għandhom jiġu

Emenda

(8) F'konformità mal-Artikolu 23(1), it-tielet subparagrafu, il-programmi ta' sħarriġ pluriennali jeħtieġ li jiġu stabbiliti

stabbiliti għal perjodu ta' bejn 5 snin u 7 snin. ***Kif uriet l-esperjenza mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031, l-Istati Membri jeħtieġu aktar żmien biex ifasslu u jiżviluppaw dawk il-programmi kif xieraq. Għalhekk, u anke sabiex*** jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti, dak il-perjodu jenħtieġ li jiġi estiż għal 10 snin. ***Minħabba raġunijiet ta' ċarezza legali, jenħtieġ li jiġi speċifikat li dawk il-programmi għandhom jergħu jiġu stabbiliti għal perjodi konsekuttivi ta' 10 snin wara dan, u l-ewwel perjodu għandu jiskadi fl-14 ta' Diċembru 2029, jiġifieri 10 snin wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031.***

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Matul l-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni, ċerti Stati Membri esprimew id-dubji tagħhom dwar l-ambitu preċiż tat-terminu “miżuri”, u b'mod partikolari jekk jikkonċernax azzjonijiet meħuda fil-kuntest ta' importazzjonijiet jew moviment intern ta' merkanzija, sabiex jiġi pprevenut id-dħul u t-tixrid tal-pest rispettiv fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, u minħabba raġunijiet ta' ċarezza u kompletezza legali, l-Artikolu 30(1) jenħtieġ li jiġi emendat biex jindika b'mod speċifiku li dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-projbizzjoni ***tal-preżenza*** tal-pest rispettiv fit-territorju tal-Unjoni, u r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn.

għal perjodu ta' bejn 5 snin u 7 snin. ***Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-implimentazzjoni tal-programm ta' stħarriġ pluriennali*** u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti, dak il-perjodu jenħtieġ li jiġi estiż għal 10 snin, ***filwaqt li jkun soġġett għal rieżami u aġġornament.***

Emenda

(10) Matul l-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni, ċerti Stati Membri esprimew id-dubji tagħhom dwar l-ambitu preċiż tat-terminu “miżuri”, u b'mod partikolari jekk jikkonċernax azzjonijiet meħuda fil-kuntest ta' importazzjonijiet jew moviment intern ta' merkanzija, sabiex jiġi pprevenut id-dħul u t-tixrid tal-pest rispettiv fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, u minħabba raġunijiet ta' ċarezza u kompletezza legali, l-Artikolu 30(1) jenħtieġ li jiġi emendat biex jindika b'mod speċifiku li dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-projbizzjoni ***tal-introduzzjoni*** tal-pest rispettiv, ***il-moviment, jew iż-żamma, it-tkattir jew ir-rilaxx tiegħu*** fit-territorju tal-Unjoni, u r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn, ***f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/829.***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Madankollu, l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jikkonċerna miżuri li jipprevjenu l-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") fuq pjanti għat-tħawwil, ma fih l-ebda rekwiżit biex jiġi nnotifikat *ksur tar-regoli* rispettivi.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jiġi emendat, billi jiġi previst li f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti dwar l-RNQPs, l-Istati Membri jadottaw il-miżuri meħtieġa, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2017/625, u jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2016/2031.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Konsegwentement, l-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jikkonċerna n-notifiki fil-każ ta' preżenza ta' pesti, jenħtieġ li jinkludi wkoll referenza għall-Artikolu **37(I)**.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Emenda

(12) Madankollu, l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jikkonċerna miżuri li jipprevjenu l-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") fuq pjanti għat-tħawwil **'il fuq mil-limiti speċifikati meta jiġu introdotti jew m'caqalqa fit-territorju tal-Unjoni**, ma fih l-ebda rekwiżit biex jiġi nnotifikat **nuqqas ta' konformità mar-regoli** rispettivi.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jiġi emendat, billi jiġi previst li f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti dwar l-RNQPs, l-Istati Membri jadottaw il-miżuri meħtieġa, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2017/625, u jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tas-sistema elettronika ta' notifika msemmija fl-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2016/2031.

Emenda

(13) Konsegwentement, l-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) 2016/2031, li jikkonċerna n-notifiki fil-każ ta' preżenza ta' pesti, jenħtieġ li jinkludi wkoll referenza għall-Artikolu **37(10) ta' dak ir-Regolament**.

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Għall-finijiet ta' ċarezza u trasparenza, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu tali derogi. Minħabba raġunijiet ta' kompletezza, daww l-atti jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll il-miżuri temporanji li huma meħtieġa biex ir-riskju fitosanitarju rispettiv jitnaqqas għal livell aċċettabbli u li jippermettu ż-żmien xieraq għall-valutazzjoni sħiħa tar-riskji kollha tal-pesti li għadhom ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ fir-rigward tal-pjanti, tal-prodotti tal-pjanti jew ta' oġġetti oħrajn partikolari. Dan se jippermetti, ladarba titlesta l-valutazzjoni rispettiva li, f'konformità mal-prinċipji tat-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/2031, daww il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn jinżammu jew jitneħħew mil-lista ta' prodotti bażiċi f'konformità mal-Artikolu 40(3) jew mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat, li jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi proċeduri li għandhom jiġu rrispettati għall-elenkar ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn ta' riskju għoli. Dik il-proċedura jenħtieġ li tinkludi l-elementi kollha li ġejjin: it-tħejjija, il-kontenut u s-sottomissjoni tad-dossiers rispettivi mill-pajjiżi terzi kkonċernati; l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu wara l-wasla ta' daww id-dossiers; il-proċeduri

Emenda

(15) Għall-finijiet ta' ċarezza, **konsistenza** u trasparenza, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu tali derogi. Minħabba raġunijiet ta' kompletezza, daww l-atti jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll il-miżuri temporanji **u proporzjonali** li huma meħtieġa biex ir-riskju fitosanitarju rispettiv jitnaqqas għal livell aċċettabbli u li jippermettu ż-żmien xieraq għall-valutazzjoni sħiħa tar-riskji kollha tal-pesti li għadhom ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ fir-rigward tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti jew ta' oġġetti oħrajn partikolari. Dan se jippermetti, ladarba titlesta l-valutazzjoni rispettiva li, f'konformità mal-prinċipji tat-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/2031, daww il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħrajn jinżammu jew jitneħħew mil-lista ta' prodotti bażiċi f'konformità mal-Artikolu 40(3) jew mal-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

dwar it-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju rispettiva; it-trattament tad-dossiers f' dak li jikkonċerna l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data. Dan huwa meħtieġ minħabba li l-esperjenza wriet li proċedura speċifikata fir-rigward tal-elenkar ta' pjanti ta' riskju għoli tista' tiggarrantixxi t-trasparenza u l-konsistenza lill-Istati Membri, lill-pajjiżi terzi u lill-operaturi professjonali kkonċernati.

dwar it-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju rispettiva; it-trattament tad-dossiers f' dak li jikkonċerna l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data. Dan huwa meħtieġ minħabba li l-esperjenza wriet li proċedura speċifikata fir-rigward tal-elenkar ta' pjanti ta' riskju għoli tista' tiggarrantixxi t-trasparenza u l-konsistenza lill-Istati Membri, lill-pajjiżi terzi u lill-operaturi professjonali kkonċernati, **u, fl-istess ħin, toħloq sistema koerenti u effiċjenti li mhux biss twieġeb għat-theddid fitosanitarju, iżda tiffaċilita wkoll il-kollaborazzjoni internazzjonali u tippromwovi mgħiba etika u trasparenti fil-ġestjoni tar-riskju globali.**

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) L-Artikolu 81(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jiddisponi li l-ebda passaport tal-pjanti ma jrid ikun meħtieġ għall-moviment ta' pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra pprovduti direttament lil utent finali, inklużi l-ġardinara tad-dar. Madankollu, dik l-eċċezzjoni jeħtieġ li ma tapplikax għal utenti finali li jirċievu dawk il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra permezz ta' bejgħ b'kuntratti mill-bogħod.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25b) Kif uriet l-esperjenza mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031, f'ċerti każijiet huwa xieraq li ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti

oħra ma jkunux akkumpanjati minn passaport tal-pjanti, anke jekk dawn ikunu distribwiti permezz ta' bejgħ mill-bogħod. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tkun tista' tipprevedi li l-Artikolu 81(1), il-punt (a), jeħtieġ li ma japplikax, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra partikolari distribwiti permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2016/2031
Artikolu 19 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“7a. In-notifiki msemija fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu u t-tneħħija taż-żoni demarkati msemija fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom isiru permezz tas-sistema elettronika ta’ notifika msemija fl-Artikolu 103”;

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)
Regolament (UE) 2016/2031
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 19a

Tim ta’ Emerġenza Fitosanitarja tal-Unjoni

1. Għandu jinholq Tim ta’ Emerġenza Fitosanitarja tal-Unjoni (“it-

Tim”) magħmul minn esperti bl-għan li jipprovdi lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, assistenza urġenti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 10 sa 19, 27 u 28 tar-Regolament (UE) 2016/2031 dwar tifqigħat ġodda ta’ pesti ta’ kwarantina fl-Unjoni u pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30 ta’ dak ir-Regolament. It-Tim għandu jipparteċipa f’eżerċizzji ta’ simulazzjoni fil-livell tal-UE skont l-Artikolu 26 ta’ dak ir-Regolament. F’każijiet debitament ġustifikati, it-Tim jista’ jipprovdi wkoll, fuq talba tagħhom, assistenza lil pajjiżi terzi li jmissu mat-territorju tal-Unjoni jew li jippreżentaw riskju fitosanitarju imminenti għal dak it-territorju, fejn meħtieġ, fir-rigward ta’ tifqigħat fit-territorji tagħhom ta’ pesti ta’ kwarantina fl-Unjoni u pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30 ta’ dak ir-Regolament. Għal kull każ ta’ assistenza lil Stat Membru jew pajjiż terzi, il-Kummissjoni għandha taħtar membri speċifiċi ta’ dak it-Tim, abbażi tal-għarfien espert tagħhom, u f’konsultazzjoni ma’ dak l-Istat Membru jew il-pajjiż terzi ikkonċernat. Dik l-assistenza tista’ tinkludi, b’mod partikolari:

(a) assistenza xjentifika, teknika u mañiġerjali fuq il-post jew mill-bogħod fir-rigward tal-qerda tal-pesti kkonċernati, tal-prevenzjoni tat-tixrid tagħhom, u miżuri oħra, f’koperazzjoni u kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terzi affettwat minn tifqigħat ta’ pesti jew li jkollu suspett dwar dan;

(b) parir xjentifiku speċifiku dwar il-metodi dijanjostiċi xierqa f’koordinazzjoni mal-laboratorju ta’ referenza rilevanti tal-Unjoni Ewropea msemmi fl-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/625 u ma’ laboratorji ta’ referenza oħra, kif xieraq;

(c) assistenza speċifika biex tiġi appoġġjata l-koordinazzjoni fost l-

awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi u ma' dawk il-laboratorji, kif xieraq. Il-kontenut, l-ippjanar tal-kundizzjonijiet u t-twaqqit ta' dik l-assistenza għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni bi qbil mal-Istat Membru jew il-pajjiż terz ikkonċernat, u mal-Istat Membru jew l-Istati Membri li jipprovdu l-espert(i).

2. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni l-lista ta' esperti li jipproponu għan-nomina bħala membri tat-tim u jżommuha aġġornata. F'dik l-okkażjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-profil professjonali u l-qasam ta' għarfien espert għal kull wieħed mill-esperti proposti.

3. Il-Membri tat-tim għandhom ikunu intitolati għal indennizz għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tat-tim fuq il-post, u fejn applikabbli, talli jservu bħala kapijiet tat-tim jew rapporteurs fi kwistjoni speċifika ta' missjoni. Dak l-indennizz, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għandhom jiġi jgħall-suq mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tas-sussistenza u spejjeż oħra għall-esperti.”;

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-programmi ta' stħarriġ pluriennali għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu ta' 10 snin, **u** għandhom jiġu *estiżi* u aġġornati **kif meħtieġ wara dan għal perjodi konsekuttivi ulterjuri ta' 10 snin. L-ewwel perjodu għandu jiskadi fl-14 ta' Diċembru**

Emenda

Il-programmi ta' stħarriġ pluriennali għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu ta' **bejn 5 u 10 snin. Il-programmi** għandhom jiġu **rieżaminati** u aġġornati **abbażi tar-regoli applikabbli u s-sitwazzjoni**

2029.;

fitosanitarja tat-territorju kkonċernat;

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 25 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Il-pjanijiet ta' kontinġenza jistgħu jiġu kkombinati għal diversi pesti ta' prijorità b'bijoloġija simili u firxa ta' speċijiet ospitanti. F'dawk il-każijiet, il-pjan ta' kontinġenza għandu jkun magħmul minn parti ġenerali li tkun komuni għall-pesti ta' prijorità kollha koperti minnu u minn partijiet speċifiċi għal kull pest ta' prijorità kkonċernat.

Emenda

(4a) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-pjanijiet ta' kontinġenza jistgħu jiġu kkombinati għal diversi pesti ta' prijorità b'bijoloġija simili u firxa ta' speċijiet ospitanti. F'dawk il-każijiet, il-pjan ta' kontinġenza għandu jkun magħmul minn parti ġenerali li tkun komuni għall-pesti ta' prijorità kollha koperti minnu u minn partijiet speċifiċi għal kull pest ta' prijorità kkonċernat. ***Bl-istess mod, l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw biex jissinkronizzaw il-pjanijiet għal ċerti speċijiet, meta xieraq għal speċijiet ta' pesti ta' prijorità b'bijoloġija simili u firxa li tikkoinċidi jew kontigwa.***”

Ġustifikazzjoni

Il-kooperazzjoni żżid l-effettività.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) fl-Artikolu 26, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3a. Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha tikkoordina eżerċizzji ta’

simulazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza għal pesti ta' prijorità.

Dawk l-eżerċizzji għandhom jitwettqu fir-rigward tal-pesti ta' prijorità kkonċernati kollha f'perjodu ta' żmien raġonevoli u bl-involviment tat-Tim ta' Emerġenza Fitosanitarja tal-Unjoni u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament rapport dwar ir-riżultati tal-eżerċizzji ta' simulazzjoni fil-livell tal-UE.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 30 – punt 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk il-miżuri għandhom, meta xieraq, jimplimentaw, speċifikament għal kull pest ikkonċernat, waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet msemmija fil-punti (a) sa (g) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(1). Dawn jistgħu jinkludu l-projbizzjoni **tal-preżenza ta' dak il-pest** fit-territorju tal-Unjoni u/jew ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, u l-moviment fih, ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn.;

Emenda

Dawk il-miżuri għandhom, meta xieraq, jimplimentaw, speċifikament għal kull pest ikkonċernat, waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet msemmija fil-punti (a) sa (g) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 28(1). Dawn jistgħu jinkludu l-projbizzjoni **tal-introduzzjoni tal-pest, il-moviment, jew iż-żamma, it-tkattir jew ir-rilaxx tiegħu** fit-territorju tal-Unjoni u/jew ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħrajn **f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/829;**

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-projbizzjoni tal-preżenza ta' pesti fit-territorju tal-Unjoni tipprevedi wkoll il-possibbiltà li jingħataw derogi meħtieġa biex jippermettu attivitajiet rilevanti ta' riċerka jew ta' tniissil, pereżempju fir-rigward ta' reżistenzi jew tolleranzi.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 37 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li l-pjanti għat-tħawwil ikunu ġew introdotti fit-territorju tal-Unjoni, jew ġew imċaqilqa ġewwa fih, **bi ksur tal-paragrafu 1**, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, kif imsemmi fl-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tas-sistema elettronika ta' notifika u rapportar msemmija fl-Artikolu 103.

Emenda

F'każ li l-pjanti għat-tħawwil ikunu ġew introdotti fit-territorju tal-Unjoni, jew ġew imċaqilqa ġewwa fih, **b'nuqqas ta' konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu**, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, kif imsemmi fl-Artikolu 66(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandhom jinnotifikaw **dak in-nuqqas ta' konformità u dawk il-miżuri** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tas-sistema elettronika ta' notifika u rapportar msemmija fl-Artikolu 103.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 42a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-pajjiż terz ikkonċernat ikun ippreżenta lill-Kummissjoni talba, li jkun fiha garanziji uffiċjali bil-miktub għall-applikazzjoni fit-territorju tiegħu, qabel u fil-mument li ssir it-talba, tal-miżuri li huma meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju fitosanitarju rispettiv; u;

Emenda

(a) **(i) il-Kummissjoni tkun irċeviet evidenza li tiġġustifika l-adozzjoni ta' derogi temporanji b'rekwiżiti ekwivalenti jew aktar stretti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 41, jew**

(ii) il-pajjiż terz ikkonċernat ikun ippreżenta lill-Kummissjoni talba, li jkun fiha garanziji uffiċjali bil-miktub għall-applikazzjoni fit-territorju tiegħu, qabel u fil-mument li ssir it-talba, tal-miżuri li huma meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju fitosanitarju rispettiv; u;

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 42a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) valutazzjoni provviżorja tkun uriet li dawk il-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn jippreżentaw riskju li jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli billi ***tiġi applikata miżura waħda jew aktar*** fir-rigward tar-riskju fitosanitarju kkonċernat.

Emenda

(b) valutazzjoni provviżorja tkun uriet li dawk il-pjanti, prodotti mill-pjant jew oġġetti oħrajn jippreżentaw riskju li jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli billi ***jiġu applikati miżuri meħtieġa*** fir-rigward tar-riskju fitosanitarju kkonċernat.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 42a – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu wara l-wasla ta' dawk it-talbiet u d-dossiers;

Emenda

(b) l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu wara l-wasla ta' dawk it-talbiet u d-dossiers, ***inklużi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-EFSA fil-valutazzjoni tar-riskju fitosanitarju ta' deroga temporanja mitluba, u fl-analiżi tal-miżuri msemmija fit-talba rispettiva tal-pajjiżi terzi kkonċernati***;

Ġustifikazzjoni

Fl-introduzzjoni tal-proposta leġislattiva, il-Kummissjoni semmiet li l-involviment tal-EFSA lllum mhux dejjem garantit; l-interventi fitosanitarji ta' emerġenza għandhom ikunu bbażati fuq l-aqwa xjenza disponibbli u robusta.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 42a – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-Artikolu 42(2), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta derogi temporanji mill-atti msemmija fl-Artikolu 42(3), jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ **affarijiet** li ġejjin:

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 71 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Iċ-ċertifikat fitosanitarju, taħt l-intestatura “Dikjarazzjoni Addizzjonali” għandu jispeċifika liema rekwiżit speċifiku huwa ssodisfat, kull meta l-att ta' implimentazzjoni rispettiv, adottat skont l-Artikolu 28(1) u (2), l-Artikolu 30(1) u (3), l-Artikolu 37(4), l-Artikolu 41(2) u (3) u l-Artikolu 54(2) u (3), jippermetti diversi għażliet differenti għal tali rekwiżiti. Dik l-ispeċifikazzjoni għandha tinkludi l-formulazzjoni sħiħa tar-rekwiżit rilevanti.;

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 81 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 42(2), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta derogi temporanji mill-atti msemmija fl-Artikolu 42(3), jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ **kundizzjonijiet** li ġejjin:

Emenda

2. Iċ-ċertifikat fitosanitarju, taħt l-intestatura “Dikjarazzjoni Addizzjonali” għandu jispeċifika liema rekwiżit speċifiku huwa ssodisfat, kull meta l-att ta' implimentazzjoni rispettiv, adottat skont l-Artikolu 28(1) u (2), l-Artikolu 30(1) u (3), l-Artikolu 37(4), l-Artikolu 41(2) u (3) u l-Artikolu 54(2) u (3), jippermetti diversi għażliet differenti għal tali rekwiżiti. Dik l-ispeċifikazzjoni għandha tinkludi l-formulazzjoni sħiħa tar-rekwiżit rilevanti **u, f'każ ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina, indikazzjoni tal-għażla applikabbli għall-kategorija kkonċernata, kif imsemmi fl-Artikolu 37(7);**

(11a) fl-Artikolu 81, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“2a. Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tistabbilixxi l-każijiet fejn id-dispożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta’ dan l-Artikolu ma tapplikax għal pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra partikolari distribwiti permezz ta’ bejgħ mill-bogħod. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni jistgħu jispeċifikaw ċerti kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 107(2).”;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 94 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

(12a) fl-Artikolu 94, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 87, fejn pjanta, prodott mill-pjanta jew oġġett ieħor, introdotti fit-territorju tal-Unjoni minn pajjiż terz, li għall-moviment fit-territorju tal-Unjoni jeħtieġu passaport tal-pjanti skont l-Artikolu 79(1) u l-Artikolu 80(1), il-passaport għandu jinħareġ jekk il-verifiki permezz ta’ kontrolli ufficijali ***f’postijiet ta’ kontroll fuq il-fruntiera*** dwar l-introduzzjoni tagħhom ikunu tlestew b’mod sodisfaċenti u wasslu għall-konklużjoni li l-pjanta, il-prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi għall-ħruġ ta’ passaport tal-pjanti skont l-Artikolu 85 u, fejn xieraq, l-Artikolu 86.

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 87, fejn pjanta, prodott mill-pjanta jew oġġett ieħor, introdotti fit-territorju tal-Unjoni minn pajjiż terz, li għall-moviment fit-territorju tal-Unjoni jeħtieġu passaport tal-pjanti skont l-Artikolu 79(1) u l-Artikolu 80(1), il-passaport għandu jinħareġ jekk il-verifiki permezz ta’ kontrolli ufficijali dwar l-introduzzjoni tagħhom ikunu tlestew b’mod sodisfaċenti u wasslu għall-konklużjoni li l-pjanta, il-prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi għall-ħruġ ta’ passaport tal-pjanti skont l-Artikolu 85 u, fejn xieraq, l-Artikolu 86. ***Il-passaport tal-pjanti għandu jinħareġ mhux aktar tard minn meta l-pjanta, il-prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor ikkonċernat jiġi mċaqlaq għall-ewwel darba mill-importatur fl-Unjoni għal operatur ieħor. L-importatur***

tal-pjanta, tal-prodott mill-pjanti jew ta' oġġett ieħor ikkonċernat għandu jkun jista' jipprova, fuq talba tal-awtorità kompetenti, ir-riżultat tal-kontroll uffiċjali rilevanti bl-użu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infommazzjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC/TRACES) sa meta jinħareġ il-passaport tal-pjanti.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 103 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema elettronika għall-preżentazzjoni ta' notifiki u rapporti mill-Istati Membri.;

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema elettronika ***faċilment aċċessibbli*** għall-preżentazzjoni ta' notifiki u rapporti mill-Istati Membri.;

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) 2016/2031

Artikolu 104 – paragrafu 1 – parti introduttorja – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli speċifiċi li jikkonċernaw il-preżentazzjoni tan-notifiki msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2), l-Artikolu 11, l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 18(6), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 28(7), l-Artikolu 29(3), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 30(8), l-Artikolu 33(1), l-Artikolu 37(10), l-Artikolu 40(4), l-Artikolu 41(4), l-Artikolu 46(4), l-Artikolu 49(6), l-Artikolu 53(4), l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 62(1), l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 95(5).

Emenda

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli speċifiċi li jikkonċernaw il-preżentazzjoni tan-notifiki msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2), l-Artikolu 11, l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 18(6), l-Artikolu 19(2), ***l-Artikolu 19a***, l-Artikolu 28(7), l-Artikolu 29(3), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 30(8), l-Artikolu 33(1), l-Artikolu 37(10), l-Artikolu 40(4), l-Artikolu 41(4), l-Artikolu 46(4), l-Artikolu 49(6), l-Artikolu 53(4), l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 62(1), l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 95(5).

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Artikolu 1(11) għandu japplika minn ...
[**6 xhur** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

L-Artikolu 1(11) għandu japplika minn ...
[**12-il xahar** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

NOTA SPJEGATTIVA

L-objettivi tal-proposta:

Ir-Regolament (UE) 2016/2031 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti huwa applikabbli fl-intier tiegħu minn Diċembru 2019. Dan jinkludi l-klassifikazzjoni u l-elekar ta' pesti regolati; rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni/il-moviment fl-UE ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra; miżuri għall-qerda tal-pesti. Ir-Regolament fih ukoll għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti huma relatati b' mod partikolari ma' żoni demarkati u sħarriġ ta' pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, pesti ta' prijorità u pesti ta' kwarantina f'żoni protetti. Flimkien mar-Regolament (UE) 2017/625, li għall-ewwel darba inkluda s-saħħa tal-pjanti fil-qafas tar-Regolament Ewropew tal-kontrolli uffiċjali, ir-Regolament (UE) 2016/2031 jikkostitwixxi l-bażi tar-reġim fitosanitarju attwali għall-protezzjoni tat-territorju tal-UE kontra l-introduzzjoni u t-tixrid ta' pesti tal-pjanti.

L-Artikoli 50 u 79(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jipprevedu l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri ta' importazzjoni, kif ukoll l-esperjenza miksuba mill-operaturi mill-estensjoni tal-passaport tal-pjanti għall-pjanti kollha għat-tħawwil. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, ippreżentati f'Ottubru 2021 u diskussi mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tipproponi li ttejjeb il-miżuri ta' implimentazzjoni differenti tal-politika fitosanitarja tal-UE, relatati mal-ħtieġa ta':

- 1) Dikjarazzjonijiet fiċ-ċertifikat fitosanitarju għal pesti regolati mhux ta' kwarantina,
- 2) Notifiki ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli għal pesti regolati mhux ta' kwarantina fis-sistema elettronika ta' notifika (sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali, SGICO),
- 3) Regoli proċedurali għall-preżentazzjoni u l-eżami ta' talbiet għal eċċezzjonijiet temporanji għal projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni ppreżentati minn pajjiżi mhux tal-UE,
- 4) Proċeduri għad-determinazzjoni u l-elekar ta' pjanti ta' riskju għoli,
- 5) Razzjonalizzazzjoni tal-obbligu li jitqiegħed passaport fitosanitarju fuq ċerti pjanti.

Abbażi tal-feedback mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE", il-Kummissjoni tipproponi wkoll is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ta' wħud mir-rekwiżiti ta' rapportar. Tipproponi wkoll li tiġi stabbilita sistema elettronika għall-preżentazzjoni ta' notifiki u rapporti mill-Istati Membri.

Il-pożizzjoni tal-Rapporteur:

Ir-Rapporteur tirrikonoxxi l-adeqwatezza tal-bidliet tekniċi proposti, li ma jimmodifikawx l-orjentazzjoni politika tar-Regolament bażiku. Madankollu, jiddispjaċiha għall-fatt li l-Kummissjoni dewmet il-preżentazzjoni tagħhom sa Ottubru 2023, u dan ipoġġi pressjoni ta' ħin fuq il-ħidma parlamentari fil-perjodu ta' "tmiem il-mandat".

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tqis li huwa xieraq li jittieħed vantaġġ minn din il-proposta għal emenda tar-Regolament (UE) 2016/2031 biex jiġu introdotti xi bidliet addizzjonali, jew jissaħħu dawk proposti, bħal:

- L-inklużjoni ta' Artikolu 19a ġdid dwar it-Tim ta' Emerġenza Fitosanitarja, simili għal dak li diġà jeżisti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali, sabiex tingħata assistenza lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz li jitlobha f'każ ta' pest li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- L-istabbiliment ta' perjodu ta' bejn 5 u 10 snin għal programmi ta' prospettar pluriennali, soġġett għal rieżami u aġġornament abbażi tas-sitwazzjoni fitosanitarja tat-territorju kkonċernat.

- It-tiżni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-pesti regolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) fid-dikjarazzjoni addizzjonali fiċ-ċertifikat fitosanitarju billi jiżdied l-obbligu li tisemma l-kategorija speċifika kkonċernata mill-projbizzjoni.

- L-estensjoni tal-użu tas-sistema elettronika ta' notifika prevista fl-Artikolu 103 tar-Regolament.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċiviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' programmi ta' stħarriġ pluriennali, notifikasi dwar il-preżenza ta' pesti regolati mhux ta' kwarantina, derogi temporanji mill-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni u mir-rekwiżiti speċjali ta' importazzjoni u l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għoti tagħhom, rekwiżiti temporanji ta' importazzjoni għal pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn ilkoll ta' riskju għoli, l-istabbiliment ta' proċeduri għall-elenkar ta' pjanti ta' riskju għoli, il-kontenut ta' ċertifikati fitosanitarji, l-użu ta' passaporti tal-pjanti u fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar għal żoni demarkati u stħarriġiet dwar il-pesti
Referenzi	COM(2023)0661 – C9-0391/2023 – 2023/0378(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	18.10.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 20.11.2023
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 20.11.2023
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ENVI 20.11.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Clara Aguilera 12.12.2023
Eżami fil-kumitat	24.1.2024
Data tal-adozzjoni	13.2.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 –: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Attila Ara-Kovács, Benoît Biteau, Franc Bogovič, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Ivan David, Jérémy Decerle, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Luke Ming Flanagan, Paola Ghidoni, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Norbert Lins, Maria Noichl, Juozas Olekas, Bronis Ropė, Katarína Roth Neved'álová, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rosanna Conte, Jan Huitema, Peter Jahr, Benoît Lutgen, Cristina Maestre Martín De Almagro, Michaela Šojdrová, Achille Variati, Emma Wiesner
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Stefania Zambelli
Data tat-tressiq	15.2.2024

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

36	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Rosanna Conte, Paola Ghidoni
NI	Dino Giarrusso, Katarína Roth Neved'alová
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Benoît Lutgen, Anne Sander, Michaela Šojdrová, Stefania Zambelli, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Jérémy Decerle, Jan Huitema, Elsi Katainen, Emma Wiesner
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Isabel Carvalhais, Cristina Maestre Martín De Almagro, Maria Noichl, Juozas Olekas, Achille Variati
The Left	Luke Ming Flanagan
Verts/ALE	Benoît Bateau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropé, Sarah Wiener

1	-
ID	Ivan David

1	0
ECR	Krzysztof Jurgiel

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni